# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Rikors numru 17/20SG**

**Sandra Micallef (KI 558080M)**

**Mariella Micallef (KI 587077M)**

**Vs**

**Michelle Galea (KI 440273M)**

**Elizabeth Zammit (KI 506386M)**

**Illum, 26 ta' Gunju 2020**

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti huma l-unici ulied u werrieta tad-defunt missierhom Saviour Micallef u sidien tal-fond bin-numru erbgha (4) St Catherine Flats Triq Sawmill l-Imsida.*
2. *Illi permezz ta' skrittura privata datata tmienja (8) ta' Frar elfejn u tnejn (2002) Dok A id-defunt missier l-esponenti kien kera lill-intimati l-fond in-numru erbgha (4) St Catherine Flats Triq Sawmill l-Imsida u dana versu l-hlas ta' kera ta' (Lm 250) hames mija u tnejn u tmenin Euro (EUR 582) fis-sena pagabbli fl-ewwel a' Ottubru.*
3. *Illi din il-kirja ghalhekk ma tgawdi l-ebda protezzjoni fil-ligi.*
4. *Illi dan l-inkwilinat baqa' jiggedded tacitament sakemm permezz ta' ittra legali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elfejn u dsatax (Dok B) debitament notifikata lill-intimati (Dok C), l-esponenti informaw lill-intimati li l-kirja ma kienitx ser tiggedded ghal sena ohra u konsegwentement talbuhom jivvakaw il-fond.*
5. *Illi l-intimati wiegbu ghal din l-interpellazzjoni permezz ta' ittra datat tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019) Dok D fejn permezz tal-legali taghhom informaw lill-esponenti li ma keinux behsiebhom jirrilaxxjaw il-fond.*

6. *Illi l-intiamti ghadhom jirrisjedu fil-fond sal-guranata tal-lum, u l-fond fuq imsemmi ghadu fil-pussess esklussiv taghhom.*
7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*
8. *Illi fl-opinjoni ta' l-esponenti l-intimati ma ghandhom l-ebda difiza valida u legittima xi jressqu'*
9. *Illi ghaldaqstant ghal din il-kontensjoni huwa applikabbli d-dispost ta' l-artikolu 16A.1a tal-Kap 69 tal-Ligjiet ta' Malta fejn dan l-Onorabbli Bord huwa moghti s-setgha jiddeciedi li jilqa' t-talba ta' l-esponenti, minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex dan il-Bord ma ghandux, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, inkluz okkorrendo illi l-lokazzjoni de qup giet terminata u xjolta kif fuq premess;*

1. *Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smight al-kawza a tenur ta' l-artikolu 16A.1a ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta);*
2. *Tordna lill-intimati sabiex f' terminu qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat ghal dan l-iskop, jitilqu u jizgombraw mill-fond 39 u jirrilaxxjaw il-pussess liberu a favur l-esponenti tal-fond bin-numru erbgha (4) St Catherine Flats Triq Sawmill l-Imsida;*

*Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimata Elizabeth Zammit kienet debitament notifikata izda naqset li tidher quddiem dan il-Bord sabiex tikkontesta t-talbiet imressqa fil-konfront taghha.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta li jezistu l-elementi mehtiega sabiex tintalab il-hall tal-lokazzjoni u r-ripreza tal-pussess liberu tal-proprjeta' mertu ta' dan ir-rikors guramentat ghal dak li ghandu x'jaqsam u jikkoncerna lil Elizabeth Zammit. L-intimata Elizabeth Zammit ma dehritx biex tikkontesta t-talbiet avvanzati kontriha.

It-talbiet tar-rikorrenti vis-a-vis Elizabeth Zammit huma misthoqqa. Dan il-Bord sejjer ghalhekk jipprocedi biex jaghti sentenza ghal dak li jirrigwarda l-intimata Elizabeth Zammit stante li l-artikolu 16A (5)(a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li jekk l-intimat jonqos milli jidher meta jinstema' r-rikors ġuramentat, il-Bord għandu minnufih jgħaddi biex jagħti sentenza, fejn jilqa' t-talba tar-rikorrent.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-intimata Elizabeth Zammit, jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom, fis-sens li qieghed jipprefiggi terminu perentorju ta' gimgha mil-lum sabiex Elizabeth Zammit tizgombra mill-fond bin-numru erbgha (4), St Catherine Flats, Triq Sawmill, l-Imsida, Malta.

Spejjez rigwardanti din is-sentenza jkunu a karigu ta' Elizabeth Zammit.

Dr Simone Grech
Magistrat

Janet Calleja
Deputat Registratur